MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 675/2011

**Go plc – C-22334**

**vs**

**O'Reilly Andrew Anthony – ID-52230(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija tnejn u tletin Ewro u disgha u sittin centezmu (€332.69c) in konnessjoni ma' diversi servizzi (*AC 40141917*).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokument mehmuza, u cioe' Dok A, prospett *AC 40141917*, Dok B, kuntratt, Dok C, estratt registru elettorali, Dok D, traduzzjoni tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija tnejn u tletin Ewro u disgha u sittin centezmu (€332.69c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------